**Minuti tal-453 laqgha tal-Kunsill li saret nhar it-Tnejn 17 ta' Awwissu, 2015**

Il-laqgha bdiet fis-6.10 ta' filghaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgha.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Vella, is-Sur John J Pace, is-Sur Joseph Agius, is-Sur Joseph Buttigieg, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Agius (is-Sway) u s-Sur Brian Spiteri.

Il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius dahal ghal-laqgha fis-6.15 ta' filghaxija u s-Sur Mark Grech dahal fis-6.35 ta' filghaxija.

L-Ambaxxatriċi Lokali ghaż-Żghażagh is-Sinjorina Katrin Busuttil kienet assenti.

Inqrat ittra ta' skuża mibghuta mis-Sur Joseph Bonnici fejn talab li jiġi skużat milli jattendi ghal-laqgha tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Joseph Bonnici jiġi skużat.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fit-tielet paragrafu ta' paġna 295 u wara il-kliem 'Triq il-Kunvent' jiżdied il-kliem 'fejn hemm il-hwienet'.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-minuti tal-452 laqgha jiġu unanimament approvati kif emendati.

Item3 - Punti li johorġu mill-Minuti

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienetx ġiet milqugha l-applikazzjoni tal-iskema ta' restawr ta' postijiet storiċi. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-applikazzjoni kienet qed tiġi evalwata minn bord mahtur mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali.

Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva applikazzjoni għall-installazzjoni ta' *murial wall* fil-lokalita'.

Fis-6.15 ta' filgħaxija il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius daħal għal-laqgħa.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk id-delegazzjoni tal-Kunsill li marret Eschborn kinitx hejjiet ir-rapport lill-Kunsill dwar din iż-żjara u diskussjonijiet li saru. Is-Sindku qal li dan ir-rapport kien ser isir fi żmien qasir.

Is-Sur Joseph Agius staqsa f'hix kien wasal il-proċess ta' titjib u devoluzzjoni tal-berġa ta' Ħaż-Żabbar. Is-Sindku qal illi kienu qiegħdin isiru laqgħat ma' uffiċjali mill-*Primary Health Care* biex jitlesta x-xogħol meħtieġ.

Is-Sindku qal ukoll illi kienu għaddejin id-diskussjonijiet mas-Segretarjat għall-Anzjani sabiex jinġiebu l-fondi għad-*Day Centre* fiċ-Ċentru Ċiviku.

Is-Sur Joseph Agius qal illi is-Sur Paul Pace mil-LEAP kien talab li jsir użu mis-sala tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li ma jsibx oġġezzjoni li jsir dan l-użu.

<u>Item 4 - Qari tal-Minuti tas-Sotto Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitat.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar laqgħa plenarja li ser issir nhar is-Sibt, 17 ta' Ottubru, 2015.

Inqrat Memo 19/2015 mibgħuta mis-Sinjura Marie-Jeanne Borg mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex tiġi ndirizzata s-sitwazzjoni preżenti tal-inkonvenjenti tal-ġbir relatata mal-ħinijiet tal-ġbir ta' skart.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill Memo 18/2015 mibgħuta mid-Direttur għall-Gvern Lokali dwar l-Att Dwar ir-Responsabbiltà Fiskali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-delegazzjoni Ġermaniża dwar il-grupp ta' Ġermaniżi li ser ikunu qed iżuru Ħaż-Żabbar bejn il-11 ta' Settembru, 2015 u l-14 ta' Settembru, 2015 fl-okkażjoni tal-festa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur Neville Ebejer mill-P.A.R.K *Directorate* fejn il-Kunsill intalab jindika siti sabiex matul it-tlett snin li ġejjin jitħawwlu siġar fil-lokalità taħt l-iskema '34U'. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (Is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li s-siġar jitħawwlu fl-*area* tal-Fatah.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn Dr David Sammut f'isem GP Group Limited fejn intalbet l-għajnuna tal-Kunsill sabiex titbaxxa l-bankina quddiem il-klinika li qed tinbena quddiem 6, Misraħ is-Sliem.

Inqara invit mibgħut mis-Santwarju Madonna tal-Grazzja, Parroċċa Ħaż-Żabbar f'isem il-grupp ta' żgħażagħ voluntiera fi ħdan il-parroċċa għall-quddiesa bi preparazzjoni għall-festa tal-Madonna tal-Grazzja.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Direttur tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Memo 10/2015 rigward skema ta' għajnuna lill-Kunsilli Lokali li għandhom ir-responsabilità ta' librerija lokali. Il-Kunsill ġie nfurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ser jagħti l-ammont ta' €600 f'għajnuna għal-librerija lokali.

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jixtri kotba għall-iskola B li jammontaw għal €200.

Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jintalab parir mingħand il-librara sabiex il-Kunsill jixtri kotba għal-librerija.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi waqt li t-tribunal għal talbiet żgħar li l-Kunsill kellu mal-kumpanija Elmo Insurance Limited dwar inċident li allegatament seħħ fi Triq is-Santwarju qabel bdiet l-attivita' *The Malta International Food Festival*, kien iddeċieda l-kawża favur il-Kunsill iżda il-kumpanija Elmo Insurance Limited kienet għamlet rikors ta' appell dwar din is-sentenza.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-St Patrick Football Club dwar ktejjeb li ser jiġi ppublikat li jitqassam b'xejn f'kull dar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill jagħmel avviż bi ħlas dwar ġbir ta' skart domestiku, skart riċiklabbli u ġbir ta' ħġieġ biex ir-residenti jkunu nfurmati aktar dwar l-iskemi tal-ġbir ta' skart fil-lokalità.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill kopja ta' ittra li l-Perit tal-Kunsill kien bgħat sabiex jinforma lill-kumpanija Vella Group Limited illi wara li ttieħed is-*sample* tal-konkos minn Triq il-Grazzji irriżulta li l-kwalità tal-konkos kien inferjuri.

<u>Item 6- Xogħol tal-Kunsill</u>

<u>Skeda tal-Pagamenti</u>

Fuq proposta tas-Sur Brian Spiteri li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mill-14 ta' Lulju 2015 sas-17 ta' Awwissu 2015 li kien jammonta għal €46,547.54.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Lulju 2015 li kien jammonta għal €168.86.

Rapport Finanzjarju ta' kull kwart

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għall-perjodu Jannar – Marzu 2015. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ta' Kull Kwart għal perjodu April – Ġunju 2015. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri.

Is-Segretarju ressaq quddiem il-Kunsill ir-rapport tal-*interviews* li sar mill-Bord tal-Intervisti għall-ingaġġ ta' *Assistant Principal Officer* (Skala 11). Fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ikkonkluda li fl-opinjoni tiegħu s-Sinjorina Mary Rose Caruana hija adattata għal din il-kariga u għamel din ir-rakkomandazzjoni tiegħu lill-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġie ssekondat mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Mary Rose Caruana tiġi mpjegata bħala *Assistant Principal Officer* (Skala 11) b'effett immedjat.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-6.30 ta' filgħaxija.

Servizz ta' Librara (ZLC 10/2013)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 10/2013 li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' librara mas-Sinjura Mary Grace Vassallo kien ser jagħlaq fit-18 ta' Novembru, 2015 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġeddidx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Servizz ta' Knis u Qtugħ ta' Ħaxix f'Toroq Urbani (ZLC 4/2014)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 4/2014 li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani mas-Sur Ronald Bezzina kien ser jagħlaq fil-5 ta' Ottubru, 2015 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġeddidx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex jinqata' l-ħaxix li hemm mal-bankina fi Triq il-Kaħwiela.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi x-xogħol ta' *resurfacing* ta' Triq il-Ġnien kien għadu ma nbediex minħabba li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienu għadhom ma pprovdux lill-kuntrattur il-*mains* tal-ilma.

Kuntratt għal xogħol ta' Titjib fil-*Playing Field* 'Ġnien il-Kunsill' (ZLC 7/2015)

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-unika offerta li ġiet mitfugħa għas-servizz ta' titjib fil-*playing field* 'Ġnien il-Kunsill' (ZLC 7/2015). L-offerta mitfugħa kienet mingħand :

| **Kuntrattur** | **Dokumenti** | **Bid Bond** | **Prezz** |
|---|---|---|---|
| *Road Maintenance Services Ltd* | Mimlija u iffirmati | € 5,824 | *Option 1* €165,297.31<br>*Option 2* €161,664.41 |

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi matul il-proċess tal-ftuħ tal-offerti kellhom jinbidlu s-siġilli peress illi bi żvista il-kaxxa tal-offerti kienet infetħet fis-17 ta' Lulju, 2015 minflok fl-20 ta' Lulju, 2015.

Inqara r-rapport li tħejja mill-*contract manager* tal-Kunsill il-Perit William Lewis dwar l-offerta li ġiet sottomessa.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta l-offerta mingħand *Road Maintenance Services Limited (Option 1)* għall-prezz €165,297.31.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li peress illi l-ispiża totali relatata max-xogħol ta' titjib fil-*playing field* 'Ġnien il-Kunsill' qiegħda tiġi stmata li tkun madwar €300,000 il-Kunsill jalloka dan l-ammont għal dan il-proġett. Is-Sindku qal illi €200,000 mill-ispiża ser jitħallsu mill-fondi tal-Kunsill filwaqt illi €100,000 ser jitħallsu mill-fondi *Urban Improvement Fund.*

Is-Sur Joseph Vella semma l-possibilità li l-Kunsill jorganizza Sports Fest flimkien mal-Knisja taż-żona ta' Sant Andrija. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza din l-attività flimkien mal-Knisja ta' Sant Andrija u li jagħti tifkira tal-okkażjoni lill-parteċipanti liema spiża m'għandhiex taqbeż is-somma ta' €350.

Fit-7.00 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Agius (is-Sway) talab li jkun skużat.

Dwar ir-riċeviment tal-festa li ser isir nhar is-Sibt, 12 ta' Settembru, 2015 fis-7.00 ta' filgħaxija fiċ-Ċentru Ċiviku, il-Kunsill fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mis-Sindku, qabel unanimament li l-ikel għal dan ir-riċeviment jiġi ordnat mingħand D Xquisite.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li matul it-tliet ijiem tal-festa Triq tal-Labour tkun magħluqa għat-traffiku mid-direzzjoni ta' Triq il-Mina ta' Hompesch u l-vetturi jiġu devjati minn Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Dan peress illi l-gabbani tal-ikel iridu jkunu armati fit-triq minħabba x-xogħol li sar fi Triq Labour.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament ukoll li l-posti u gabbani kollha fi Triq Labour jingħataw permess matul dawn il-ġranet biss: Il-Ġimgħa 11 ta' Settembru, is-Sibt 12 ta' Settembru u l-Ħadd 13 ta' Settembru, 2015.

Fis-7.10 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Vella talab li jkun skużat.

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li matul il-ġranet tal-festa jiġi mistieden is-Sur Diego Puleo bħala rappreżentant ta' Villabate.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi wara d-deċiżjoni tal-Kunsill rigward l-offerti sottomessi għas-sejħa dwar il-kuntratt għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi (ZLC 8/2015), il-kumpanija WM Environmental Limited għamlet appell u l-proċess twaqqaf sakemm jinqata' l-appell.

Is-Sinjura Anna Calleja ressqet ilment li rċieviet minn residenti dwar in-nuqqas ta' ndafa fil-latrini pubbliċi.

Wara diversi lmenti li l-Kunsill irċieva, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jikteb lill-Kumpanija WM Environmental li hija responsabbli miż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi dwar nuqqas ta ndafa u nuqqasijiet oħra fil-lattrini pubbliċi.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza dwar talba għal *reduced hours* li saret mill-impjegata tal-Kunsill is-Sinjorina Mary Rose Caruana. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis-Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li t-talba tal-impjegata biex taħdem hinijiet mnaqqsa tiġi aċċettata.

Il-Viċi-Sindku semma l-bżonn li jsir *refresh* ta' *stop sign* u *slow sign* li hemm fi Triq San Leonardu.

Il-Viċi-Sindku qal illi nhar is-Sibt 15 ta' Awwissu, 2015 parti mill-iskart fil-Qasam tad-Djar ma ngabarx.

Il-Viċi-Sindku qal ukoll illi nhar ta' Tlieta qed jitħallew ħafna boroż ta' skart reċiklat fiż-żona tal-Housing Estate.

Is-Sur Joseph Agius qal illi l-kuntrattur reponsabbli mill-iskart reċiklat ta' nhar ta' Tlieta ma kienx qed jiġbor boroż trasparenti li kienu mimlija bi skart reċiklat.

Is-Sur Joseph Buttigieg semma l-bżonn li jsir *patching* faċċata tal-ħanut *Cellphone* fi Triq Felice kantuniera ma' Triq is-Santwarju kif ukoll quddiem ir-residenzi bin-numri 4 u 5 fi Triq id-Dliela u quddiem ir-residenza bin-numru 66 fi Triq il-Kittien.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien hemm numru ta' bozoz mitfija fi Triq is-Santwarju u f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi li jridu jiġu rranġati.

Is-Sur Mark Grech talab sabiex jiġu ċċekjati ż-żewġ bozoz mitfija li hemm f'Misraħ tal-Madonna Medjatriċi biex jekk dawn m'għadx għandhom użu jinqalgħu.

Is-Sur Mark Grech qal illi hemm bozza maqtugħa mal-ħajt tal-HSBC fi Triq is-Santwarju.

Il-Viċi-Sindku talab sabiex tiġi rranġata bozza fi Triq San Leonardu mar-razzett tal-*Lay Lay*.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex titbaxxa l-bankina quddiem ir-residenza Marvic fi Triq tal-Labour.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li tinstab soluzzjoni għall-vetturi li jkunu ġejjin mid-direzzjoni ta' Triq Bajada għal Triq il-Mina ta' Hompesch sabiex jonqos il-periklu għas-sewwieqa minħabba li hemm *blind corner*.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi meta kienu qed isiru x-xogħlijiet minn Transport Malta sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq tal-Labour, inqala' *dustbin* tal-klieb u baqa' ma twaħħalx.

Is-Sur Joseph Buttigieg ressaq ilment li rċieva mir-residenti dwar ħmieġ li jkun hemm maġenb il-*bring in sites* li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel. Is-Sur Buttigieg talab li jinstab post alternattiv għal dawn il-*bring in sites* jew titwaħħal *cctv camera*.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi fl-24 ta' Settembru, 2015 kien ser jorganizza *coffee morning* għall-anzjani il-Baħrija.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa f'hix kienet waslet l-applikazzjoni għal servizz ġdid tal-ilma fil-funtana tal-Għajn tal-Bhejjem. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Kunsill irid japplika għall-*compliance certificate* biex imbagħad isir is-servizz.

Is-Sinjura Anna Calleja staqsiet jekk il-Kunsill kienx irċieva korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta dwar *dotted lines* li kienu saru fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sinjura Calleja qalet illi minħabba dawn id-*dotted lines* kien qed isir *overtaking* mill-vetturi u jinħoloq periklu għas-sewwieqa.

Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-bżonn li jsir bieb fl-arkata li hemm maġenb Pjazza San Nikola peress illi kien qed jintefa' skart u materjal ieħor b'inkonvenjent kbir u detriment għal saħħet ir-residenti.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li li jintalab il-permess tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ biex issir sejħa għall-ingaġġ ta' Uffiċjal Eżekuttiv – Skala 13 mal-Kunsill.

Is-Sinjura Anna Calleja semmiet il-bżonn li jsir xi ħaġa minflok il-*bollards* li kien hemm fi Triq Villabate ma' Triq San Ġużepp peress illi l-*bollards* kienu qed jinqalgħu u l-vetturi kienu qed jaqsmu *wrong way*.

Il-Viċi-Sindku talab li ssir *bollard* fi Sqaq Sidtna tal-Mirakli biex ma jkomplix isir abbuż u jidħlu vetturi fl-isqaq.

Is-Sur Joseph Agius talab li jsir *double line* fi Triq iċ-Ċimiterju man-naħa taċ-ċimiterju peress illi t-triq ma kienetx wiesgħa biżżejjed.

Is-Sur Joseph Agius talab li ssir tabella tal-*one way* fi Triq iċ-Ċimiterju fil-kantuniera ma' Triq l-Għadiba u tabella oħra tal-*one way* fil-kantuniera ta' Triq is-Saqwi li tindika li ma tistax tinżel lejn iċ-ċimiterju. Is-Sur Joseph Agius talab ukoll li ssir mera għal min ikun ħiereġ minn Triq il-Misqa.

Is-Sur Mark Grech qal illi s-Sotto-Kumitat għaż-Żgħażagħ u Edukazzjoni kien għaddej bil-preparazzjonijiet għall-attività li ser tittella' sabiex jiġi mfakkar l-erbgħin sena mill-waqa' tal-ajruplan Vulcan f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Mark Grech qal illi l-ispiża sabiex issir din l-attività kienet ser tiswa madwar €2,000. Is-Sindku ssekonda lis-Sur Mark Grech u l-Kunsill qabel unanimament li jsiru l-attivitajiet proposti għal din l-okkażjoni.

Is-Sur Mark Grech qal illi wara l-maltempata tax-xita li kienet għamlet, Triq l-Iskola, Triq ix-Xgħajra u Triq is-Santwarju soffrew minn għargħar ta' ilma tax-xita. Is-Sur Mark Grech staqsa ta' min kienet ir-responsabilità li jitnaddfu l-*culverts* tal-ilma tax-xita ta' Triq Wied il-Għajn u talab li tiġi ndirizzata l-problema ta' għargħar ta' ilma tax-xita fit-toroq tal-viċinanzi.

Is-Sur Mark Grech talab li ssir bozza ġdida fi Triq ix-Xgħajra mal-faċċata tal-*Polymer Pharmacy*.

Is-Sur Mark Grech reġa' talab sabiex isir id-dawl taż-*zebra crossing* ta' Triq Wied il-Għajn fil-viċinanzi tal-ħanut tat-*tyres Burn Out* peress illi dan id-dawl kien għadu mhux imqabbad. Is Sur Grech talab li l-Kunsill jindaga dwar ix-xogħol li kellu jsir fuq din iż-*zebra crossing*.

Is-Sur Mark Grech ressaq talba tar-residenti sabiex issir *cat cafe* f' Misraħ is-Sliem. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob l-opinjoni tar-residenti tal-madwar dwar dan is-suġġeriment.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.10 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-454 laqgħa li saret nhar il-Ħamis 24 ta' Settembru, 2015.

Marc Vella Bonnici
Sindku